MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Numru 1149/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**SILVIO ATTARD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Silvio Attard ta' 27 sena, bin Joseph u Rita nee' Farrugia imwieled il-Pieta' fit-28 ta' Frar, 1982 u joqghod fil-font: Flt. Nru. 6, Blokk Nru. 4, Entratura 'B', 'Lay Lay Apartment Blocks', Triq L-Ghassies, Wied il-Ghajn u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru: 162282(M).

A) Billi gie akkuzat talli, filwaqt li kien fi Triq in-Nadur, gewwa Wied il-Ghajn, nhar it-12 ta’ April, 2008, ghall-habta ta’ l-10.00 ta’ filghaxija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ ikkawza hsara volontarja fuq il-vettura ta’ l-ghamla KIA, mudell Rio, ta’ lewn Hamrani u li ghandha n-numru tar-regstrazzjoni: FBL-956 ghall-valur ta’ 920.10 ewro ghad-dannu ta’ Michael Cutajar minn Haz-Zabbar u persuni ohra.

B) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkustanzi, filwaqt li kien fi Triq in-Nadur, gewwa Wied il-Ghajn u aktar tard, filwaqt li kien hdejn l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Wied il-Ghajn, li tinsab fi Triq iz-Zonqor, volontarjament ikkawza griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Mario Cutajar minn Haz-Zabbar, skond iccertifikat minn Dr. J. Agius Muscat M.D. (Warrant Mediku Nru. 2539) tac-Centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid.

C) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkustanzi, filwaqt li kien hdejn l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Wied il-Ghajn, li tinsab fi Triq iz-Zonqor, volontarjament ikkawza griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Michael Cutajar minn Haz-Zabbar, skond iccertifikat minn Dr. J. Agius Muscat M.D. (Warrant Mediku Nru. 2539) tac-Centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid u Dr. Alison Fava M.D. (Warrant Mediku Nru. 5085), it-tabiba tat-Taqsima ta’ l-Emergenza ta’ l-Isptar Mater Dei.

D) Billi gie akkuzat talli, filwaqt li kien fi Triq iz- Zonqor gewwa Wied il-Ghajn, nhar it-12 ta’ April, 2008, ghall-habta ta’ l-10.22 ta’ filghaxija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ ikkawza hsara volontarja fuq il-vettura ta’ l-ghamla Morris, mudell Ital, ta’ lewn Bajdani u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni IAP-686 ghall-valur ta 320.42 ewro ghad-dannu ta’ Michael Cutajar minn Haz-Zabbar u persuni ohra.

E) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b’tali mod li kkaguna lil haddiehor biza’ li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta hu kien jaf jew

missu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ipejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok JB3 u nnutat li l-imputat Silvio Attard m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, inkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjara li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat Seduta stante ghadda lil Lora Cutajar is-somma ta' Euro 320 rigward hsarat li jirrigwardaw l-akkuza D) migjuba kontra l-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 325(1) (b), 221 u 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Silvio Attard, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat u li fis-Seduta tallum l-imputat Seduta stante ghadda lil Lora Cutajar is-somma ta' Euro 320 rigward hsarat li jirrigwardaw l-akkuza D) migjuba kontra l-imputat tillibera lill-istess imputat Silvio Attard taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imputat Silvio Attard ghall-piena ta erba' mija u sitta u sittin Euro (Euro 466) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Silvio Attard b'obbligazzjoni personali ta' tmin mitt Euro (Euro 800) li jzomm il-kwiet ma' Michael Cutajar, Mario Cutajar u familjari taghhom ghal zmien sena millum.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fit-Verbal tas-Seduta tallum rigward din it-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Silvio Attard l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------